# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Hamis 18 ta’ Ottubru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 4/94G1(PC)

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta .**

**Vs**

**George Farrugia .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta :**

**Illi l-konvenut fl-4 ta’ Marzu, 1991, waqt li kien qed ihaffer fi Qbajjar Road, Marsalforn, Gozo, laqat “high tension cable” proprjeta’ tal-attur nomine ;**

**Illi danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi cable jammontaw ghal tlett mija u sebgha u ghoxrin lira maltin u zewg centezmi u tlett millezmi (LM327.023) ;**

**Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra legali datata 5 ta’ Settembru 1991 u ittra ufficjali datata Ottubru 1991 huwa baqa’ inadempjenti .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti illi :**

1) **tiddikjarah responsabbli ghall-hsara kkawzata f’proprjeta’ tal-attur nomine fi Qbajjar Road, Marsalforn, Gozo, fl-4 ta’ Marzu, 1991;**

2) **Tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ tlett mija sebgha u ghoxrin liri maltin, zewg centezmi u tlett millezmi (LM327.023) in linea ta’ danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kkawzati fl-istess proprjeta’ kif fuq premess .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 5 ta' Ottubru, 1991 u tal-ittra ufficjali datata Ottubru 1991, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur nomine konfermata bil-gurament ta' l-istess attur nomine .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Rat ukoll il-kapitoli tas-subizzjoni pprezentati mill-attur nomine fl-ahhar udjenza ta' l-ewwel ta' Frar ta' din is-sena .**

**Innutat illi l-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas illi jidher ghall-udjenza tal-lum .**

**Il-Qorti ghal hekk, wara li fethet l-istess kapitoli, li bihom is-socjeta' attrici riedet tassoggetta lill-konvenut ghas-subizzjoni u jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat responsabbli tal-hsarat ikkawzati fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici fi Qbajjar Road, Marsalforn, Gozo, fl-4 ta' Marzu, 1991, liema hsara tammonta ghal tlett mija sebgha u ghoxrin lira u zewg centezmi u tlett millezmi (Lm327.023), u li baqghu ma thallsux .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u fl-assenza tal-konvenut li jikkontesta dawn il-kapitoli, tiddikjara l-istess kapitoli ammessi, u tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal hsarat kawzati fil-proprjeta' ta' l-attur nomine fi Qbajjar Road, Marsalforn, Gozo, fl-4 ta' Marzu, 1991, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine, is-somma ta' tlett mija sebgha u ghoxrin lira maltin, u zewg centezmi u tlett millezmi (Lm327.023), in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kkawzati fl-istess proprjeta' imsemmija fic-citazzjoni .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 5 ta' Ottubru, 1991, u tal-ittra ufficjali datata Ottubru 1991, bl-imghaxijiet legali mid-data li giet ikkagunata dina l-hsara sad-data tal-pagament effettiv kollox kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S494Pc
515